KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 ta' Jannar 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tlettax (13) il-Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tlettax (13)-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Gimgha 4 ta' Jannar 2013, fl- 4.00pm**

It-Tlettax (13)-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Performance Bonus tal-Impjegati
10. Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv
11. Evalwazzjoni tal-offerti –
    a. FLC/Q/6/12 – Cleaning of Fountains
    b. FLC/T/5/12 – Cleaning and Upkeep of Gardens and public convenience
12. Gbir ta Skart Riciklat
13. Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta lejliet l-Ewweltas-Sena
14. Nominazzjonijiet ghal Justin Haber Football Academy
15. Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna u Balzunetta
16. Bankini u Asfaltar f'Balzunetta
17. Bye Law ghall-Uzu tal-fosos
18. Progett Floriana Model
19. Jum il-Housing
20. Riceviment 21 ta Jannar
21. Jum il-Floriana
22. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tlettax (13)-il laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland Hili, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 12.4.**
**Il-Kunsillier Anthony Brincat ma kienx prezenti ghall-laqgha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tnax (12)-il laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.1.4 li ghandha taqra "Triq l-Iljun c/w Triq Vincenzo Bugeja"

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.1.5 li ghandha taqra "Triq l-Argotti".

1.4. Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jigi specifikat il-kunjom u l-kariga f'materja nru 12.18 li ghandha taqra "Colin Muscat..."

1.5. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.6. Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.7. Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-korrezzjoni li ghandha taqra "il-Kunsillier Vincent Borg" minflok il-"Kunsillier Anthony Brincat".

1.8. Il-minuti msemmija f'1.6 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja 2.8 (12) u saqsa jekk il-kuntrattur kienx gie kkuntattjat sabiex jirrimedja. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ikkuntattja lill-kuntrattur.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.16 (12) rigward l-arblu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din il-materja kienet tinsab fuq l-agenda tal-laqgha tal-lum fil-materja Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.17 (12) u saqsiet jekk kienx hemm xi risposta mill-ministeru dwar id-dawl ta' Gnien Herbert Ganado. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-laqgha kienet ghadha ma saritx.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja 3.9 (12) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ghad kellu l-lista tar-rati ta' reklamar. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din kienet tinsab mal-korrispondenza tal-laqgha tal-lum.

2.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.4 (12) u saqsiet jekk il-Kunsill kellux xi risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ikkuntattja lill-Active Enterprises izda kien ghad ma kellu l-ebda risposta.

2.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.5 (12) u saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li kien qed jitkellem mas-segretarju tal-Floriana F.C. fejn harget l-idea li ghandha ssir laqgha mal-kapijiet tal-partiti politici. Huwa kompla jinforma li dakinhar stess kienet saret laqgha mal-kap tal-oppozizzjoni Joseph Muscat li ghaliha kien mistieden hu bhala Sindku. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li l-materja m'ghandiex tithalla

biss f'idejn il-Floriana F.C izda l-Kunsill ghandu jkollu sehem shih f'din il-kwistjoni sabiex ikun hemm ir-rizultati mixtieqa. Is-Sindku kompla billi nforma li wara l-laqgha tal-lum, kien gie deciz li ssir laqgha bejn il-Kunsill u l-Floriana F.C. fuq dak li gie diskuss mal-kap tal-oppozizzjoni.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja 3.10 (12) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din il-materja kien qed jiehu hsiebha l-Vici Sindku Matthew Paris u ghalhekk ikun ahjar jekk din tigi diskussa meta l-Vici Sindku jattendi ghal-laqgha.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja 4.23 (12) u saqsa jekk kienx hemm xi risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li rega' kien bat reminder lil min hu ikkoncernat mit-talba tal-Kunsill.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja 14.8 (12) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din ghandha tigi diskussa meta jinghaqad l-Avukat tal-Kunsill mal-mejda iktar tard.

2.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 9.25 (12) u saqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din ukoll ghandha tigi diskussa meta jinghaqad l-Avukat tal-Kunsill mal-mejda iktar tard.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja 9.9.1 (12) u saqsa jekk il-Perit kienx accetta l-impjieg tieghu mal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghadu ma nformax lill-perit ikkoncernat u li kellu jaghmel dan minnufih.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja precedenti u ssuggerixxa li l-Kunsill jaghmel lista ta' xogholijiet pendenti li ghandu l-Kunsill mal-Perit Chris Mintoff. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ser jiltaqa mal-perit u jghaddilu l-lista mitluba.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward it-tigdid tal-Group Health Policy. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li hi kienet diga koperta minn assigurazzjoni simili u ghalhekk informat li ma kienx hemm bzonn li ggedded din l-assigurazzjoni. Is-Sindku Nigel Holland qal li fic-cirkostanzi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, hu kien lest jaccetta li ma jkunx kopert b'din l-assigurazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccirkola l-formola tat-tigdid tal-assigurazzjoni lill-kunsillieri u l-istaff u jhalli f'idejn min hu interessat sabiex japplika ghal din il-polza tal-assigurazzjoni.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Anton Miceli rigward il-lokazzjonijiet tal-kiosks fic-celebrazzjonijiet tal-Karnival. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li wara li ma kienx hemm postijiet allokati fiz-zoni imsemmijiet, alllura li l-Kunsill ma kienx ser ikun affetwat.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mill-Floriana Basketball Club. Huwa ppropona li fic-cirkostanzi prekarji tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jiehu decizjoni li ma jiffinanzjax u ma jorganizzax attivitajiet kongunti ma' ghaqdiet kif ukoll ma jirreklamax f'attivitajiet simili, sakemm ma jkunux attivitajiet strettament u direttament relatati mal-Kunsill. Huwa zied jghid li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill qeghda fi stat hazin hafna u ghalhekk jipproponi li l-Kunsill jinforma lill-ghaqdiet lokali kollha li ghal din is-sena, il-Kunsill mhux ser ikun jista' jippartecipa f'attivitajiet izda jittama li dawn l-attivitajiet jibqghu jigu organizzati bhal ma kienu qabel. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ppproponiet li minflok, il-Kunsill jitlob lill-ghaqdiet lista ta' attivitajiet li ser jigu organizzati minnhom u li ghandhom jigu kkunsidrati mill-Kunsill u dan minhabba li l-Kunsill dejjem kien jippartecipa. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland sabiex il-Kunsill ma jippartecipax f'attivitajiet, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH,VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (DSH)

Ghalhekk il-Kunsill qabel b'maggoranza li ghandu jiffinanzja u jorganizza b'mod kongunt dawk l-attivitajiet li kienu diga gew approvati precedentement izda ma jkomplix jilqa' talbiet ta' attivitajiet kongunti, reklamar jew finanzjar ta' attivitajiet li m'humiex strettament relatati mal-Kunsill. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-ghaqdiet lokali fejn jinformahom bid-decizjoni tal-Kunsill u fejn jitlobhom ukoll li ghal din is-sena jipprovaw imexxu l-attivitajiet li jigu organizzati ssoltu u li l-Kunsill jittama li malli xi hadd itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, ikun jista' jkompli jippartecipa mal-ghaqdiet lokali.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Raquel Haber Camenzuli fejn ressqet ilment rigward l-istat hazin li fih qed jithalla c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Is-Sindku nforma li hu kien tkellem mal-kuntrattur fejn gibidlu l-attenzjoni ghall-istat gravi li fih kien qed jithalla l-gnien. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu wkoll kien gibed l-attenzjoni tal-kuntrattur minhabba l-hmieg u s-siringi li kien hemm fil-latrini u fil-gnien. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kuntrattur kien informah li hu ma kienx jaf f'hiex qieghed peress li kienet ghadha ma ttihdietx decizjoni fuq il-kuntratt il-gdid tat-tindif tal-gonna u l-latrini pubblici. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur in kwistjoni li ladarba l-Kunsill kien qed ihallsu tax-xoghol ta' tindif, jippretendi li dan ix-xoghol ghandu jkompli jsir u li ghandu jsir b'mod soddisfacenti u li f'kaz li dan jonqos milli jaghti x-xoghol mehtieg, il-Kunsill ghandu jipprocedi billi jimmultah tan-nuqqas.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Ministeru ghall-Intern rigward allegati abbuzi fir-rigward tas-sistema elettrika fit-toroq. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-electrician tal-Kunsill rigward din il-materja. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienux saru l-applikazzjonijiet ghad-dwal-il godda. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn kienu ghadhom ma sarux. Is-Sindku Nigel Holland qal li jkun ahjar jekk spejjez godda jithallew pendenti ghalissa in vista tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-att vandalu li sar fi Gnien il-Mall fejn gew arrestati xi persuni in konnessjoni mal-att vandalu. Huwa saqsa jekk kienx hemm xi haddiehor involut minbarra dawn iz-zewg akkuzati. Is-Sindku wiegeb li hu ma kienx jaf b'xi nies ohra involuti izda nforma li s-Supretendent Mamo kellha tinforma lill-Kunsill appena jkun hemm xi zvilupp.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-memo interna li kienet giet approvata sabiex jitwahhlu tabelli gewwa Gnien il-Mall sabiex il-klieb ma jithallewx ihammgu barra u saqsiet jekk kinietx saret it-talba lill-Environmental Landscape Consortium sabiex jitwahhlu dawn it-tabelli. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li t-talba kienet ghadha ma saritx. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb il-materja il-kunsillier responsabbli mill-gonna.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kellha lment minn resident rigward il-hmieg tal-annimali li qed ikun hemm fi Triq l-Imhazen u saqsiet jekk jistax jingieb green warden sabiex jissorvelja z-zona jew jekk tistax titwahhal tabella sabiex il-klieb ma jithallewx ihammgu barra. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lir-Regjun Xlokk biex jara jekk jistax jigi impjegat green warden.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall–vapur li tnehha miz-zona maghrufa bhala taht il-Forka u saqsiet lis-Sindku jekk kellux idea min nehha dan il-vapur u ghalxiex. Is-Sindku wiegeb li ma kellux din l-informazzjoni izda ghandu jikkuntattja lil sid il-vapur forsi jkollu xi informazzjoni.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-ghajdut li l-bajja li hemm fiz-zona

maghrufa bhala taht il-Forka kienet ser tittiehed minn sid ir-ristorant li hemm fl-istess zona u saqsiet jekk is-Sindku kellux xi informazzjoni. Is-Sindku wiegeb li s'issa hu ma kellux l-informazzjoni mitluba izda f'kaz li dan l-ghajdut ikun minnu, trid titressaq applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn il-Kunsill jigi mitlub jaghti l-opinjoni tieghu.

4.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghad-decizjoni mehuda mill-Kunsill biex jitwahhlu tabelli li jindikaw id-direzzjoni lejn il-Valletta Waterfront u saqsiet jekk dawn kienux twahhlu. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv li min-naha tieghu wiegeb li kien ghamel it-talba necessarja u kien rega' bat reminder lil min hu kkoncernat.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kienx hemm l-ebda rapporti u minuti mill-Kumitati jew Sottokumitati.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bil-kwotazzjonijietli kien imiss johorgu li huma: CCTV tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V; Tiswija tal-gazebos; twahhil ta' bankijiet u mwejjed; u espressjoni t'interess tal-promozzjoni tal-gonna u espressjoni t'interess ghal bejgh ta' arblu.

6.2 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex il-filmati tas-CCTV jkunu jistghu jigu segwiti minn god-dar tal-Kunsill.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill kien ser jiffinanzja biss 15% tan-nefqa ta' dawn it-tenders li kienu kollha ffinanzjati mill-progett ta' GARDMED.

6.4 Id-Dokumenti tat tenders u espressjonijiet t'interess imsemmija f'6.1 gew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

6.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ukoll talba minn Weddingwise biex ikun jista' jsir tieg fi Gnien Sir Luigi Preziosi nhar id-29 ta' Gunju 2013 li jibda' fis-1.00pm.

6.6 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li sal-mument t'issa kien hemm decizjoni in vigore tal-Kunsill li l-gonna tal-lokalita' ma jinghalqux kollha ghall-funzjonijiet u ghalhekk jekk il-Kunsill jaqbel li jinghalaq il-gnien kollu, ser ikun hemm bzonn li titressaq mozzjoni sabiex tinbidel id-decizjoni precedenti.

6.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' t-talba tal-Wedding wise bil-kundizzjonijiet li l-gnien ma jinghalaqx kollu u tinghalaq biss parti minnu kif ukoll li ghandu jsir it-tindif kollu necessarju mill-applikant. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob ir-rata massima skont il-bye law applikata mill-Kunsill u li ghandu joffri li jissupplixxi s-sistema tad-dawl.

6.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghal decizjoni mehuda mill-Kunsill precedenti sabiex issir gazebo mill-fondi li ghalihom hu ntitolat il-Kunsill mill-progett GARDMED. Huwa zied jghid li wara li kienu ttiehdu l-measurements kollha necessarji, jidher li kien hemm impressjoni hazina ta' fejn ghandha ssir il-gazebo minhabba li ma jidhirx li hu post adattat li ssir il-gazebo fejn suggeriet minhabba li din kienet ser tirrovina l-pjattaforma. Ghalhekk il-Kunsill qabel li din il-gazebo ma ssirx.

6.9 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghalhekk il-Kunsill ghandu jiddeciedi fejn ser jintefqu l-flus li kienu gew allokati ghall-gazebo. Il-Kunsill qabel li ghandu minflok inehhi l-gebel li hemm fil-hamrija, din tiddemmel u tigi rrakejata. Il-Kunsill qabel ukoll li f'kaz li jifdal il-fondi ghandu jsir titjib fis-sistema tal-irrigazzjoni u jitwahhlu tliet trombi ta' sightseeing mas-swar.

**<u>Nota: 17:00 Il-Kunsill qabel li l-materja nru 7 - Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji ghandha tigi diskussa wara li jattendi l-Vici Sindku Matthew Paris.</u>**

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kienx hemm l-ebda mozzjonijiet jew rakkomondazzjonijiet.

## 9.0 Performance Bonus tal-Impjegati

9.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iressaq il-proposti tieghu rigward il-performance bonus tal-impjegati.Is-Segretarju spjega ir-rapporti, u irrakkomanda li l-impjegati kollha jiehdu il-massimu tal-persentagg.

9.2 Il-Kunsill qabel unanimament li jinghata il-persentagg massimu ta Performance Bonus lill-Impjegati.

## 10.0 Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv

10.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill irid jiddeciedi dwar il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv intaghlab jigi skuzat.

10.2 Wara li saret diskussjoni u evalwazzjoni mill-Kunsillieri dwar il-performance tas-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg biex il-Kunsill jaghti l-massimu tal-persentagg tal-performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv.

10.3 Wara li ttiehed vot favur din il-mozzjoni, il-Kunsill ivvota favur din il-mozzjoni b'mod unanimu.

**<u>Nota: 17:08 Il-Kunsill talab lill-Avukat Dr Martnin Fenech sabiex jinghaqad mal-mejda.</u>**

**<u>Il-laqgha giet temporanjament sospiza.</u>**

**<u>Il-laqgha tkompliet fis-17:40.</u>**

## 11.0 Evalwazzjoni tal-offerti –

### 11.1 FLC/Q/6/12 – Cleaning of Fountains

11.1.1 Il-Kunsill qabel li wara li kkonsulta mal-Avukat tal-Kunsill, fejn irrimarka li il-Kunsill mhuwiex obbligat jaghti l-offerta lill-Irhas offerent jekk ikollu bazi sostenibbli, madankollu irrimarka li Karl De Flavia u KDF Ltd huwa 2 persuni legalment differenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob parir lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward dan it-tender.

### 11.2 FLC/T/5/12 – Cleaning and Upkeep of Gardens and public convenience

11.2.1 Il-Kunsill qabel li wara li kkonsulta mal-Avukat tal-Kunsill, fejn irrimarka li il-Kunsill mhuwiex obbligat jaghti l-offerta lill-Irhas offerent jekk ikollu bazi sostenibbli, madankollu irrimarka li Karl De Flavia u KDF Ltd huwa 2 persuni legalment differenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob parir lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward dan it-tender.

## 12.0 Gbir ta Skart Riciklat

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li wara li kien talab xi opinjonijiet, jirrizulta li kien hemm diversi lmenti dwar is-sistema tal-Greenpak.

12.2 Is-Sindku ghalhekk ippropona li l-Kunsill jerga' jindaga daqsxejn fuq din il-materja u jiehu decizjoni fil-laqgha li jmiss.

12.3 Is-Sindku zied jghid ukoll li mal-Greenpak il-Kunsill ikun mitlub jaqta' l-gabra ta' nhar ta' Tlieta izda dan ma jkunx necessarju jekk il-Kunsill jiffirma kuntratt mal-Green MT.

12.4 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jindaga daqsxejn dwar din il-materja u dwar il-kundizzjonijiet taz-zewg kumpaniji.

**Nota: 17:45 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

12.5 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiccekkja ma' kunsilli ohra dwar din il-materja.

## 13.0 Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta lejliet l-Ewweltas-Sena

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materj billi saqsa lill-Vici Sindku Matthew Paris jekk kellux konferma mill-ministru rigward possibilita ta Direct Orders.

13.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li il-hlas ser ikun mqasum fuq ix-xoghilijiet kollha, fil-parametri tal-ligi.

13.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ser isib xi diffikultajiet jekk dan ma jsirx.

13.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ikun ahjar li kieku l-attivita' kienet giet ikkancellata jekk il-Kunsill kien ser jesponi ruhu ghall-passi bil-ligi.

13.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li din id-decizjoni kienet giet mehuda mill-Kunsill kollu nhar il-Hadd li ghadda waqt il-laqgha straordinarja u ma kinietx decizjoni ta' kunsillier wiehed.

13.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li hu kien assorba hafna mir-responsabbiltajiet tal-attivita' meta hu ma kellu qatt jassorbi din ir-responsabbilta' minhabba li hu mhux responsabbli mill-kariga tal-attivitajiet. Hu qal ukoll li hu jhoss li kien ghamel l-impossibli u ma kienx ser jaccetta li jinghata tort fuq xi haga bhal din.

13.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma kienx qed ikun hemm ippuntar ta' swaba izda hu kien ha din il-kariga f'idejh inqas minn gimghatejn qabel u ghalhekk ma kienx jaf ezatt x'kien gie miftiehem mill-kunsillieri li kellhom din il-kariga qabel. Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' fakkar li lanqas qabel, ma kien direttament responsabbli mill-kariga tal-attivitajiet u kien biss jassisti lill-kunsilliera Sammut Hili.

13.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien hadem hafna sabiex il-Kunsill ikollu kuntratt tajjeb mas-Sur Justin Attard u li grazzi ghalhekk, issa l-Kunsill jista' jiehu l-passi necessarji mil-ligi kontra s-Sur Attard fin-nuqqas taz-zamma tal-kuntratt.

13.09 Is-Sindku Nigel Holland rega' saqsa kif ser jaghmel il-Kunsill sabiex ihallas lill-kuntratturi.

13.10 Il-Vici Sindku rega' qal li l-Kunsill kien ghamilha cara lill-kuntratturi x'kienet il-problema u ghalhekk kull kuntrattur kellu jsegwi dak il-ftehim u ma kien hemm l-ebda problema.

13.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li l-kont ta' Bla Kondixin kien zdied minhabba li Chris Grech kien ipprovda lill-Kunsill b'diversi affarijiet ohra bhal compere, make-up artist, ecc.

13.12 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-kuntratturi nhar it-Tnejn li gej 7 ta' Jannar 2013 fis-1.00pm.

**<u>Nota: 17:55 Il-laqgha tal-Kunsill giet sospiza.</u>**
**<u>18:02 Il-laqgha tal-Kunsill tkompliet.</u>**

13.13 Is-Sindku nforma x'kien irrizulta mil-laqgha li l-Kunsill kellu mal-Avukat tal-Kunsill fejn kien gie propost li l-Kunsill jaghmel rapport lid-Dipartiment tal-Frodi u jfittex lis-Sur Justin Attard ghall-mizappropazzjoni ta' fondi u dan minhabba li kien hemm xi hlasijiet li gew moghtija lilu li kienu ssarfu minghajr ma gie moghti x-xoghol mitlub.

13.14 Is-Sindku zied jghid ukoll li kien gie suggerit li l-Kunsill jitlob lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jibghatlu ittra legali bl-ispejjez kolla li kien hareg il-Kunsill Lokali Floriana fin-nuqqas taz-zamma tal-kuntratt min-naha tas-Sur Justin Attard.

13.15 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-kuntratt il-Kunsill kellu l-obbligu li kull disput mal-kuntrattur Justin Attard ghandha tigi rizolta b'mod amikevoli u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jibghat email lis-Sur Attard sabiex jersaq ghad-danni. F'kaz li ma jintlahaqx ftehim, imbghad il-Kunsill ghandu jipprocedi billi jibghatlu ittra ufficjali bil-qorti.

13.16 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li jekk isir rapport lid-Dipartiment tal-Frodi, il-Kunsill kien ser jiehu biss l-€2000 li gew mizappropjati u ma kienx ser jiehu tad-danni. Din it-talba trid issir separatament.

13.17 Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat email lis-Sur Attard sabiex jersaq ghad-danni.

13.18 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jaghmel kwerela lis-Sur Justin Attard sabiex jinkisbu l-fondi li gew mizappropati.

13.19 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu johrog stqarrija stampa fejn il-Kunsill jinforma lill-medja b'dak li gara u jiggustifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm.

**<u>Nota: 18:05 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.</u>**

## <u>14.0 Nominazzjonijiet ghal Justin Haber Football Academy</u>

14.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jikteb ittra lir-residenti kollha fejn jinformahom b'din l-opportunita' u fejn jiehu l-opportunita' sabiex jawgura lir-residenti tieghu l-

isbah xewqat ghas-sena l-gdida.

14.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex ikunu nformati l-kunsillieri kollha jekk tkun ser tinhareg cirkolari.

14.3 Il-Kunsill qabel li c-cirkolati tal-parkegg m'ghandhiex tohrog qabel ma l-Kunsill jivverifika mal-linji gwida tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jekk hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill kollu qabel ma tkun tista' tinhareg cirkolari.

## <u>15.0 Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna u Balzunetta</u>

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ppropona li minflok l-antarjoli, il-Kunsill jaghmel ventijit min-naha ghal ohra ta' Triq Sant'Anna u dan sabiex l-istilel jidhru iktar.

15.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjonijiet sabiex isiru l-ventijit proposti.

**<u>Nota: 18:15 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

15.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk dawn jithallewx imwahhlin matul is-sena jew jekk ikollomx jinqalghu u mbaghad jergghu jitwahhlu ghall-okkazjoni.

15.4 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din trid tigi diskussa minhabba li meta tnehhew il-ventijiet, it-triq kienet sbiehet u ghalhekk il-Kunsill irid jara l-possibilta'.

15.5 Is-Sindku Nigel Hollan ghamel riferenza ghat-tizjin tal-Milied f'Balzunetta u qal li rrizulta li dan it-tizjin ma kienx jiflah ghall-elementi u ghalhekk, kien hemm bzonn jinbidlu. Huwa zied jghid li fis-sitwazzjoni tal-Kunsill bhalissa m'ghandhomx jintefqu flus biex dawn jissewwew u ghalhekk jekk kien hemm bzonn xi haga, dawn ghandhom jinbidlu u jsiru sew.

## 7.0 <u>Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **74-05** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa rigward ic-cekk pagabbli lill-Enelux fejn kien informat li Enelux hija kumpanija rregistrata f'isem Justin Attard u li dan ic-cekk kien inhareg bhala depozitu fuq l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena.

7.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob ir-rifuzjoni ta' cekk nru 11152 u 11153 pagabbli lil Lighthouse Communications u lill-Enelux Ltd.

7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11152 sa 11170, inkluz l-pagamenti b'cheque 11152 u 11153 li diga hargu izda li ghandhom jintalbu sabiex jigu rifonduti, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata

mis-Sindku Nigel Holland, mill-Vici Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 16.0 Bankini u Asfaltar f'Balzunetta

16.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi saqsa lill-Vici Sindku kif kien miexi x-xoghol.

16.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li x-xoghol kien miexi kif suppost u jahseb li l-kuntrattur kien qed jaghmel l-almu tieghu u mexa kif suppost u ghalhekk issa fadal li jinqalghu il-bankini li jonqos isiru fi Triq l-Iljun u Triq Vincenzo Bugeja.

16.3 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill jistax jissospendi l-parti tal-qlugh tal-bankini skont il-kuntratt minhabb n-nuqqas ta' finanzi li ghandu l-Kunsill.

16.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li parti mill-fondi li l-Kunsill kien ser jigi moghti mill-Housing Authority kienu jinkludu x-xoghol tal-bankina ta' Triq l-Iljun bil-konkos.

16.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghalissa l-Kunsill ghandu jwaqqaf dawk ix-xogholijiet kollha li jista' jwaqqaf minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

**Nota: 18:25 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

16.6 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandha titlesta l-bankina kolla li nqalghet u x-xogholijiet l-ohra li kienu diga gew mibdija ghandhom jitlestew izda m'ghandux jinbeda xoghol iehor gdid diment li l-kuntratturi ma jkunux lesti jaccettaw li jithallsu meta l-Kunsill ikun f'sitwazzjoni finanzjarja iktar komda.

**Nota: 18:28 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqgha.**
**Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

16.7 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lill-Vici Sindku x'kien gara mill-overflow li kien hemm taht il-bankina li hemm jinzel ghall-flats. Il-Vici Sindku wiegeb li l-overflow kienet saret b'tali mod li toghla fuq il-porfido.

16.8 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministru Chris Said li kien wieghed lill-Kunsill li kien ser jaghmel tajjeb ghad-differenza bejn iz-zewg kuntratti tal-asfaltar. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 18:30 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.**

## 17.0 Bye Law ghall-Uzu tal-fosos

17.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien tkellem mas-Sur Charles Bonello fejn kienet giet diskussa possibilita ta formola differenti minn dik li ppropona l-Kunsill.

17.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li rigward id-dawra tal-Fosos din kienet diga koperta minn avviz legali iehor u ghalhekk kien hemm bzonn li ssir bye law rigward fuq il-Fosos.

17.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li kull min ikun ser juza l-Fosos ghal xi attivita' jew

avveniment, ikollu jaghti hlas ghat-tindif tal-lokalita.

**Nota: 18:32 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

17.4 Il-Kunsill qabel li s-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ghandhom johorgu bi proposta ghall-byelaw ghall-uzu tal-Fosos u jiltaqghu mas-Sur Charles Bonello.

**Nota: 18:34 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqgha.**

## 18.0 Progett Floriana Model

18.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li waqt laqgha ta' sottokumitat hu kien ippropona li jsir progett ta' mudell tal-Floriana li jsir fi Pjazza ES Tonna, fejn hemm is-sigar.

18.2 Il-Vici Sindku qal ukoll li kien talab stima lill-Perit tal-Kunsill ta' kemm ser jigi jammonta dan il-progett.

18.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill japplika ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jaghmel dan il-progett izda qabel ikun jista' jsir dan, ikun hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill biex isiru l-applikazzjonijiet u jinkisbu l-permessi kollha necessarji.

18.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq l-applikazzjoni tieghu quddiem il-MEPA sabiex ikun jista' japplik ghall-fondi ghal dan il-progett.

**Nota: 18:35 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

## 19.0 Jum il-Housing

19.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li bhal kull sena, Jum il-Housing ser ikun nhar is-16 ta' Jannar 2013 u saqsa jekk il-kunsillieri kellhomx idea ta' x'jista' jigi organizzat dakinhar ta' Jum il-Housing.

19.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li ssir konferenza stampa f'Balzunetta biex jitkompla l-progett ta' Farsons.

19.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li ssir konferenza stampa quddiem xi postijiet maghluqin sabiex issir kampanja ta' kemm il-post abbandunat hemm fil-lokalita'.

19.4 Izda Fl-ahhar, il-Kunsill qabel li ghandha ssir konferenza stampa fi Triq Joseph J. Mangion faccata tal-Msida Bastion Historic Garden.

## 20.0 Riceviment 21 ta Jannar

**Nota: 18:40 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqgha.**

20.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza dan ir-riceviment annwali.

20.2 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jinhargu l-inviti ghal dan ir-riceviment malajr kemm jista' jkun.

20.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jigu mistiedna l-ex kunsillieri kollha. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb illi l-ex-kunsilliera dejjem ikunu mistiedna.

20.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-lista ta' mistednin tkun distribwita lill-kunsillieri kollha u ghalhekk il-kunsillieri kollha jistghu joggezzjonaw jew izidu mal-lista.

20.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jixtri wkoll tikfira zghira lill-impjegat Joe Burnell li kien irtira iktar kmieni s-sena l-ohra.

## 21.0 Jum il-Floriana

21.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li din l-attivita' ser tinzamm nhar il-Hadd 7 t'April 2013.

21.2 Is-Sindku Nigel Holland informa wkoll li ghandhom johorgu l-premjijiet ghan-nominazzjonijiet annwali li jinghataw nhar il-Gimgha 5 t'April 2013.

## 22.0 Aġġornament tal-laqgħa

22.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2013 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fis-18.50.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Svetlick J. Flores<br>Segretarju Ezekuttiv |